1 8 AUG 2026

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 630**

**It-Tnejn 13 ta' Lulju, 2026**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar fis-6.07 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Leone Sciberras – Kunsillier
Martina Baldacchino - Kunsilliera
Toshera Schembri – Kunsilliera
Carlo Scicluna - Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Marc Vella Bonnici – Viċi Sindku
Anna Calleja – Kunsilliera
Patrick Barbara – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 630.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji

630.1.1 Inqraw ittri t' apoloġija mibgħuta mill-Viċi Sindku, mis-Sinjura Anna Calleja u mill-Kaptan Patrick Barbara fejn talbu li jkunu skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Leone Sciberras, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku, is-Sinjura Anna Calleja u l-Kaptan Patrick Barbara jkunu skużati.

## 630.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

630.2.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-minuti tas-629 laqgħa ġew unanimament approvati.

## 630.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

630.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-korrispondenza mibgħuta minn waħda mill-impjegati tal-Kunsill, li permezz tagħha talbet l-approvazzjoni sabiex 108 sigħat mil-*leave* dovut għas-sena 2026 jiġu trasferiti għas-sena 2027. Fl-istess korrispondenza l-impjegata nfurmat lill-Kunsill bid-data mistennija tat-twelid tat-tarbija tagħha u talbet ukoll l-approvazzjoni sabiex wara t-tmiem tal-perjodu tal-*maternity leave*, tieħu xahar *parental leave* segwit b'xahar *leave* mingħajr ħlas. L-impjegata qalet ukoll li, fil-każ li jidħlu fis-seħħ emendi għall-perjodu tal-*maternity leave* kif propost mill-Gvern, il-perjodu ta' assenza tagħha jiġi aġġustat skont il-liġi applikabbli. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament it-talba tal-impjegata. [1]

630.3.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva talbiet ta' reklamar fil-pubblikazzjonijiet li jiġu stampati fil-jiem tal-festa tal-Madonna tal-Grazzja. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jippubblika reklam f'Leħen is-Santwarju Festa 2026 għall-prezz ta' €250, reklam fil-pubblikazzjoni annwali tal-festa maħruġ mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel għall-prezz ta' €150, reklam fil-pubblikazzjoni annwali tal-festa maħruġ mis-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ għall-prezz ta' €150, kif ukoll reklam ta' paġna sħiħa bil-kulur fil-pubblikazzjoni Storja u Kultura f'Ħaż-Żabbar għall-prezz ta' €100.

630.3.3 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mir-Reġjun Port dwar il-parteċipazzjoni fil-*European Week of Regions and Cities* li ser issir fi Brussell bejn it-12 u l-15 t' Ottubru 2026. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li biħsiebu jattendi għal din il-konferenza u spjega li r-Reġjun ser jiffinanzja l-ispejjeż tal-passaġġ bl-ajru, filwaqt li l-Kunsill Lokali huwa mitlub iħallas il-*per diem allowance* għat-tul tal-attendenza. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex il-*per diem allowance* tiġi mħallsa skont ir-regolamenti applikabbli. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius, issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-*per diem allowance* għas-Sindku sabiex jattendi l-*European Week of Regions and Cities* fi Brussell.

630.3.4 Fis-6.11 ta' filgħaxija s-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa.

630.3.5 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta lill-Kunsill Lokali mingħand il-perit li jirrappreżenta lis-sid tal-iżvilupp fi Triq Wied il-Għajn, li permezz tagħha l-Kunsill ġie nfurmat li Transport Malta talbet kjarifika dwar ir-rilokazzjoni tal-*pelican crossing* minħabba l-aċċess għall-garaxx previst fl-iżvilupp propost. Fl-istess korrispondenza il-Kunsill intalab jikkunsidra u jipproponi post alternattiv għar-rilokazzjoni tal-*pelican crossing*. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu l-ewwel jiddeċiedi jekk jaqbilx mar-rilokazzjoni tal-*pelican crossing* u żied jgħid li sussegwentament ikun meħtieġ li jiġi ċċarat min ser jerfa' ir-responsabbiltà għall-ispejjeż relatati ma' dan iċ-ċaqliq, kemm jekk dawn ikunu Transport Malta, Infrastruttura Malta jew l-iżviluppatur. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li f'dan l-istadju l-Kunsill huwa mitlub jipproponi post alternattiv. Is-Sindku qal li l-ewwel il-Kunsill japprova r-rilokazzjoni, imbagħad jidħol f'diskussjonijiet ma' Transport Malta sabiex jiġi identifikat l-aktar sit xieraq. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jilqa' it-talba tas-sid tal-iżvilupp.

630.3.6 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti dwar l-iżviluppi relatati maż-żewġ appelli quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Fir-rigward tal-applikazzjoni għal Dar tal-Anzjani f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi, is-Sindku informa li wara l-appell imressaq mill-Kunsill Lokali kontra d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar, is-seduta għad-deċiżjoni finali tat-Tribunal ġiet iffissata għal nhar it-30 ta' Lulju 2026. Fir-rigward tal-applikazzjoni għal Dar tal-Anzjani fi Triq il-Kaħwiela kantuniera ma' Triq Wied il-Għajn fuq art barra miż-żona tal-iżvilupp (ODZ), is-Sindku nfurma li wara d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar, l-iżviluppatur ippreżenta appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u li s-seduta tal-appell ġiet iffissata wkoll għat-30 ta' Lulju 2026.

630.3.7 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta rigward il-proġett GS50011.26 – *Playing Field* Ġnien il-Kunsill, Triq il-Kunvent, Ħaż-Żabbar, li permezz tagħha l-Kunsill ġie infurmat li sabiex il-proġett jibbenefika minn finanzjament ta' 100% għall-ispejjeż eliġibbli, it-talba għandha titressaq b'mod konġunt mal-Kunsill Reġjonali. Is-Sindku nfurma lill-membri preżenti li kien diġà iddiskuta din il-materja mal-Kunsill Reġjonali, li kkonferma l-qbil tiegħu sabiex il-proġett jiġi sottomess b'mod konġunt. Is-Sindku, għalhekk ippropona li l-Kunsill japplika għall-finanzjament ta' 100% permezz ta' applikazzjoni konġunta mal-Kunsill Reġjonali. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-Kunsill qabel unanimament li l-applikazzjoni għall-proġett titressaq b'mod konġunt mal-Kunsill Reġjonali sabiex il-Kunsill ikun eliġibbli għall-finanzjament ta' 100%.

630.3.8 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kellu diskussjonijiet ma' *Project Green* dwar il-possibbiltà li biċċa art li tinsab fil-kantuniera ta' Triq Felice ma' Triq il-Ħawt tiġi żviluppata fi ġnien pubbliku. Is-Sindku spjega li l-ħolqien ta' dan il-ġnien huwa meqjus bħala inizjattiva mportanti fid-dawl tal-iżvilupp residenzjali estensiv li ser isir fiż-żona biswit is-sit, sabiex ir-residenti jkollhom aċċess għal spazju miftuħ u rikreattiv. Is-Sindku rrefera wkoll għall-korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand l-Awtorità tal-Artijiet, li permezz tagħha ġie kkonfermat li kwalunkwe talba għall-konverżjoni tas-sit fi ġnien pubbliku tkun suġġetta għall-evalwazzjoni tal-Awtorità. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill iressaq talba uffiċjali lill-Awtorità tal-

Artijiet sabiex is-sit jiġi kkunsidrat għall-konverżjoni tiegħu fi ġnien pubbliku. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-Kunsill approva unanimament li titressaq it-talba uffiċjali lill-Awtorità tal-Artijiet għall-konverżjoni tas-sit fi ġnien pubbliku.

630.3.9 Is-Sindku rrefera għall-preparamenti relatati mal-festa tal-Madonna tal-Grazzja u nfurma lill-membri preżenti li l-Kunsill ser joħroġ il-permessi għat-twaqqif ta' posti u gabbani. Is-Sindku spjega li l-applikazzjonijiet għat-twaqqif jew it-tqegħid ta' gabbani ser jintlaqgħu mis-17 sal-21 t' Awwissu 2026. Is-Sindku żied jgħid li matul ix-xahar li ġej kienet ser issir laqgħa mas-Supretendent tal-Pulizija u mas-sidien tal-istabbilimenti li jarmaw il-barijet barra matul il-ġranet tal-festa, sabiex jiġu diskussi l-arranġamenti meħtieġa.

630.3.10 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mingħand *Refab LightBlue Ltd.* dwar is-servizz tal-ġbir separat tat-tessuti użati, li fiha l-kumpanija spjegat li minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja preżenti qed topera b'telf u li, fin-nuqqas ta' intervent mill-awtoritajiet kompetenti, jista' jkollha tissospendi s-servizz tal-ġbir tat-tessuti. Is-Sindku nforma lill-membri li wara li l-Kunsill irċieva din il-korrispondenza, is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa sabiex jiddiskutu l-passi li għandhom jittieħdu. Is-Sindku żied jgħid li qajjem din il-kwistjoni mal-awtoritajiet kompetenti u li bħalissa qed jistenna indikazzjonijiet dwar il-mod kif ser timxi 'l quddiem din il-kwistjoni.

630.3.11 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti dwar il-progress tax-xogħlijiet ta' restawr li l-Kunsill qed iwettaq fuq il-Mużew tas-Santwarju u fuq il-ħajt taċ-ċimiterju, u qal li x-xogħol miexi b'pass sodisfaċenti. Is-Sindku spjega li huwa previst li l-*iscaffolding* li jinsab mal-faċċata tal-Mużew jitneħħa qabel il-festa tal-Madonna tal-Grazzja u jerġa' jitwaħħal wara li jgħaddu l-festi. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li skont il-ftehim, ix-xogħol kellu jitlesta sal-aħħar t' Awwissu 2026. Is-Sindku spjega li minħabba xogħlijiet addizzjonali li ma kinux previsti, il-perjodu tal-eżekuzzjoni ser jestendi lil hinn mill-iskadenza oriġinarjament stabbilita. Is-Sur Joseph Agius ġibed l-attenzjoni għas-siġar li jinsabu fil-ġenb taċ-ċimiterju fi Triq il-Misqa, filwaqt li rrimarka li dawn kibru u qed jagħmlu pressjoni fuq il-ħajt. Is-Sindku spjega li dawn is-siġar jinsabu fil-ġenb taċ-ċimiterju u mhux mal-faċċata u li x-xogħol relatat magħhom ma jagħmilx parti mill-kuntratt ta' restawr. Is-Sindku żied jgħid li l-Arċipriet diġà ġie nfurmat dwar din il-kwistjoni.

630.3.12 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħlijiet relatati mal-Miżura 1 *Improving the Environment of the Territory* u l-Miżura 3 *Marketing of the Territory* u qal li l-Kunsill kien qed jiġbor il-kwotazzjonijiet sabiex jitwettqu x-xogħlijiet.

630.3.13 Is-Sindku tkellem dwar il-progress tax-xogħlijiet li qed jitwettqu mill-Gvern Ċentrali fil-lokalità u qal li bdew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fi Triq Lia. Is-Sindku żied jgħid li kien beda wkoll il-proġett ta' kostruzzjoni u tisbiħ fi Triq il-Kbira, Sqaq Nru. 4, li qed jitwettaq permezz tal-Iskema SPI/SCI/07/2025 – Finanzjament Komunitajiet Aktar b'Saħħithom u ta' Kwalità. Is-Sindku nforma lill-membri li bħala parti mill-proġett ser jiġu mħawla pjanti ġodda tul l-isqaq u li għal dan il-għan ser tiġi installata sistema ta' irrigazzjoni sabiex tiġi żgurata t-tisqija tagħhom. Is-Sur Carlo Scicluna rrimarka li fl-imsemmi sqaq hemm it-toqob għall-arbli tal-festa. Is-

Sindku qal li l-kuntrattur diġà ġie infurmat sabiex dawn it-toqob jerġgħu jsiru matul ix-xogħlijiet. Is-Sur Joseph Buttigieg ġibed l-attenzjoni li s-siġar tal-venda nixfu minħabba nuqqas ta' ilma. Is-Sindku spjega li kien hemm ħsara fis-sistema tal-ilma u *Project Green* ser tieħu ħsieb tirranġa l-pompa tal-ilma u tissostitwixxi s-siġar li nixfu.

630.3.14 Is-Sindku rrefera għall-*Memorandum of Understanding* eżistenti bejn il-Kunsill Lokali u d-Diviżjoni għat-Tindif u l-Manutenzjoni fir-rigward tat-tindif tal-latrini pubbliċi. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kien qajjem din il-kwistjoni mal-Ministru responsabbli, peress li ma kienx sodisfatt bis-servizz li kien qed jingħata mill-ħaddiema assenjati għat-tindif tal-latrini pubbliċi, u talab li dawn jiġu sostitwiti. Is-Sindku spjega li kienu qed iseħħu diversi abbużi fil-latrini pubbliċi u li dawn ma kinux qed jinżammu fl-istat ta' ndafa mistenni.

630.3.15 Is-Sindku ppropona li tinħareġ it-tielet *default notice* lill-kuntrattur responsabbli mis-servizz ta' tindif u manutenzjoni tas-*soft areas* u r-*roundabouts* (ZLC 2/2025), peress li minkejja li fix-xahar preċedenti kienet diġà nħarġet *default notice* oħra, il-kuntrattur baqa' jonqos milli jwettaq l-obbligi kuntrattwali tiegħu. Is-Sindku spjega li l-pjanti ma kinux qed jiġu msaqqija b'mod regolari, bil-konsegwenza li diversi pjanti madwar il-lokalità nixfu jew kienu waslu biex imutu. Barra minn hekk, il-fjuri li kellhom jitħawlu ma tħawlux, is-*soft areas* ma kinux qed jinżammu u maħrutin kif suppost, hemm nuqqas ta' żbir u nuqqas ġenerali ta' manutenzjoni, minkejja d-diversi kuntatti li saru mal-kuntrattur permezz ta' *emails* u ħruġ ta' *default notices*. Is-Sur Joseph Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill approva unanimament il-ħruġ tat-tielet *default notice*.

630.3.16 Is-Sur Carlo Scicluna qal li madwar il-monument tal-Ex President Emeritus Agatha Barbara kien hemm il-ħaxix ħażin. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ser tinforma lill-kuntrattur responsabbli dwar dan.

630.3.17 Is-Sindku rrefera għal talba li kien irċieva mingħand St Patrick FC sabiex tiġi organizzata Presentation Night għat-tim tal-kbar tal-klabb. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva unanimament li l-attività tiġi organizzata nhar l-1 t' Awwissu b'kollaborazzjoni ma' St Patrick FC u jixtri t-*trophies* meħtieġa għall-okkażjoni, liema nefqa ma taqbiżx it-€800 (VAT inkluż).

630.3.18 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti dwar il-fondi allokati mir-Reġjun Port għall-attivitajiet kulturali li jammontaw għal €20,000, u spjega li kien qed jikkunsidra li dawn il-fondi jintużaw għall-attività marbuta mal-kommemorazzjoni tal-75 anniversarju tal-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Grazzja, prevista li ssir nhar il-Ħadd, 6 ta' Settembru 2026. Is-Sindku qal li kien għaddej b'diskussjonijiet mal-Kurja u mal-Arċipriet dwar il-possibbiltà li ssir *projection* fuq il-faċċata tal-knisja, u wara l-Quddiesa tan-Novena tiġi organizzata *gala night* b'animazzjoni minn diversi gruppi, ibbażata fuq skript bit-tema Marjana tal-Madonna tal-Grazzja. Is-Sur Carlo Scicluna staqsa jekk l-Arċipriet kienx ta risposta għal din il-proposta u s-Sindku wieġeb li kien għadu bla tweġiba. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk l-attività kinitx ser tiġi organizzata mill-Kunsill b'kollaborazzjoni mal-Knisja. Is-Sindku spjega li l-intenzjoni kienet li l-Kunsill jorganizza attivita' marbuta mal-75 sena anniversarju, fl-istess ġurnata, permezz tal-fondi tar-Reġjun Port. Is-Sur Carlo

Scicluna staqsa jekk id-dħul mill-attività kienx ser imur għall-Knisja. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat, li jekk l-attività tiġi organizzata mill-Kunsill, kull dħul għandu jidħol fil-kont tal-Kunsill. Is-Sindku nfurma li kien għadu qed jiddiskuti s-*set-up* tal-attività, bil-ħsieb li l-Kunsill jieħu ħsieb il-*projection*, il-kiri tal-imwejjed u xiri tal-ikel, filwaqt li l-għaqdiet lokali jipparteċipaw fil-preparazzjoni tal-ikel. Is-Sur Carlo Scicluna esprima l-fehma li *gala night* m' għandhiex tiġi organizzata mill-għaqdiet u li s-servizz tal-*catering* għandu jingħata minn kuntrattur. Is-Sindku spjega li qabel tittieħed kwalunkwe deċiżjoni għandu jiġi stabbilit jekk il-proposta hijiex ser tiġi aċċettata. Is-Sindku qal ukoll, li skont il-programm proviżorju, it-tqegħid tal-warda ser isir filgħodu minflok il-pellegrinaġġ, u wara l-Quddiesa tan-Novena ssir iċ-ċerimonja relatata mal-kommemorazzjoni. Is-Sindku temm jgħid li qabel jitkompla l-ippjanar tal-attività kien meħtieġ li l-kunċett jiġi aċċettat mill-Arċipriet.

**630.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

630.4.1 Fuq proposta tas-Sinjorina Toshera Schembri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-10 ta' Ġunju 2026 u t-13 ta' Lulju 2026 li kienet tammonta għal €67,223.54.

**630.5 Deċiżjoni dwar il-kuntratti;**

- ***Accountant Technician* (ZLC2/2026)**

630.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li kienu ġew sottomessi erba' offerti għas-servizz ta' *Accountant Technician* (ZLC 2/2026), li ġew evalwati mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-Kumitat kien ikkonkluda li offerta waħda biss kienet teknikament konformi. Is-Sindku qal li wieħed mill-evalwaturi kien qed joffri s-servizzi tiegħu fuq bażi volontarja, mingħajr ħlas. Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni, li l-kuntratt jingħata lil Akkonta Services Limited għall-prezz ta' €14,000 eskluż il-VAT, bħala l-unika offerta teknikament konformi. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius issekondata mis-Sinjorina Toshera Schembri, il-Kunsill approva unanimament ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess sabiex id-deċiżjoni tiġi kkomunikata lill-offerenti kollha nvoluti permezz tal-Electronic Public Procurement System (EPPS).

**630.6 Ħatra ta' Bord tal-Għażla – Ingaġġ *Administration Officer* I *Reduced Hours* (Skala 12)**

630.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet sabiex jinħatar Bord tal-Għażla biex ikun responsabbli mill-proċess tal-għażla għall-ingaġġ ta' *Administration Officer 1 Reduced Hours* (Skala 12). Fuq proposta tas-Sinjorina Martina Baldacchino li ġiet issekondata mis-Sinjorina Toshera Schembri, il-Kunsill qabel unanimament illi jinħatar Bord tal-Għażla u jkun kompost mis-Sindku, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Joseph Buttigieg u mis-Sur Joseph Agius.

630.6.2 Is-Sur Mark Grech fis-6.44 ta'filgħaxija talab li jkun skużat għal ftit minuti.

### 630.7 Rapport tal-Udituri u Ittra ta' Direzzjoni

630.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ir-Rapport tal-Awditur għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2026 flimkien mal-Ittra ta' Direzzjoni u kopja tat-tweġiba għall-punti mqajma f'din l-ittra. Kopja ta' dawn id-dokumenti ngħatat lil kull membru tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-Kunsill approva unanimament ir-risposta għall-Ittra ta' Direzzjoni.

### 630.8 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi

630.8.1 Ma kienx hemm talbiet għal rimbors.

### 630.9Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

630.9.1 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jsir iż-żbir tas-siġar tal-bajtar li jinsabu fi Triq tal-Labour, faċċata tal-ħanut tal-pastizzi.

630.9.2 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li tiġi rranġata l-bankina fi Triq Bajada, quddiem il-ħanut tal-lottu, peress li kienet tiżloq.

630.9.3 Is-Sur Joseph Buttigieg qal ukoll li l-bankina quddiem iż-*zebra crossing* biswit il-Mużew tas-Santwarju, kienet ukoll tiżloq u talab li tittieħed l-azzjoni meħtieġa.

630.9.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li ż-*zebra crossing* fi Triq ix-Xgħajra kienet ġiet approvata sabiex tinbidel f'*pelican crossing*. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jressaq din it-talba lil Infrastruttura Malta.

630.9.5 Is-Sur Leone Sciberras staqsa jekk il-Kunsill kienx kiseb il-kampjun tat-tabella bil-kitba *Braille* li ser jitwaħħlu mal-*bus stops* fil-lokalità. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li dan kien mistenni jinġabar fil-jiem li ġejjin.

630.9.6 Is-Sindku qal lil membri preżenti, li waqt iż-żjara uffiċjali fil-Portugal, kien iddiskuta mas-Sindku ta' Montgeron il-possibbiltà li grupp ta' żgħażagħ Franċiżi jiġi Malta għall-perjodu ta' ħmistax-il ġurnata sabiex jitgħallmu l-lingwa Ingliża. Is-Sindku spjega li l-Kunsill intalab jiffaċilita l-arranġamenti relatati mal-akkomodazzjoni u spjega li rappreżentanti minn Montgeron ser iżuru l-lokalità fil-futur qarib sabiex jaraw il-faċilitajiet ta' akkomodazzjoni u l-arranġamenti għall-istudenti Franċiżi f'Ħaż-Żabbar.

630.9.7 Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva unanimament li jiġu mistiedna d-delegazzjonijiet minn Montgeron, Póvoa de Varzim u Eschborn sabiex jattendu għall-festi titulari tal-Madonna tal-Grazzja.

### 630.10 Mozzjonijiet

630.10.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

630.10.2 Fis-6.55 ta' filgħaxija is-Sur Mark Grech daħal lura għal-laqgħa.

**630.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;**

630.11.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.56 ta' filgħaxija.

IFFIRMATI
Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-631 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 17 ta' Awwissu, 2026.

IFFIRMATI
Jorge Grech
Sindku